

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel*

**2006/2046(INI)**

14.7.2006

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

għall-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-ħarsien u l-benesseri ta' l-annimali għall-2006 - 2010  
(2006/2046(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jonas Sjöstedt

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-proposta għal riżoluzzjoni li ser jadotta:

- A. wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Jannar 2006 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħarsien u l-Benesseri ta' l-Annimali 2006-2010 (COM(2006)0013),
1. Jilqa' l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħarsien u l-benesseri ta' l-annimali; iqis li bosta annimali fl-UE huma ttrattati ħażin u b'mod li jmur kontra d-dispożizzjonijiet ta' l-UE u li ma jistax ikun li l-interessi fit-tkabbir u fix-xogħol ikunu l-uniċi fatturi li fuqhom jissejsu l-istudji dwar l-impatti; jisħaq li l-annimali fl-UE għandhom ikunu ttrattati tajjeb u għandhom id-dritt għall-imġieba naturali; jisħaq ukoll li, f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni hija marbuta legalment, b'mod partikulari bl-Artikoli 37, 95(1) u (3), 174 u 175 tat-Trattat KE u bil-Protokoll dwar il-Benesseri ta' l-Annimali anness mat-Trattat ta' Amsterdam;
  2. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tissottometti miżuri li jorbtu legalment, b'mod partikulari dawk b'rabta mar-rapporti proposti li ġejjin:
    - l-implimentazzjoni tad-Direttiva 98/58/KE dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja (2006),
    - it-tibdil fid-Deċiżjoni 2000/50/KE dwar l-ispezzjoni ta' azjendi li fihom jinżammu annimali għat-trobbija (2006),
    - ir-rapport dwar il-ħarsien ta' għoġġiela miżmuma għal skopijiet ta' biedja (2008),
    - ir-rapport dwar il-ħarsien ta' ħnieżer miżmuma għal skopijiet ta' biedja (2009),
    - ir-rapport dwar l-influwenza tal-parametri ġenetiċi fuq il-benesseri ta' l-annimali li jintużaw biex jipproduċu l-brojlers u fuq flieles brojlers (2010);
  3. Jenfasizza li, minħabba t-tifqigħ ta' mard l-iktar reċenti, il-Kummissjoni għandha tirrevedi malajr kemm jista' jkun il-leġiżlazzjoni Komunitarja u l-linji gwida dettaljati dwar il-ħarsien ta' l-annimali waqt il-qatla fil-biċċerija jew meta jinqatlu, inkluż meta jinqatlu għal skopijiet ta' kontroll tal-mard (previst biss għall-2007), u li għandha, sa mhux aktar tard mill-2010, tissottometti rapport dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-ispazju u l-ħinijiet massimi ta' vvaġġar għat-trasport ta' l-annimali (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005, Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 411/1998);
  4. Jiddispjaċih li l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni ma fih l-ebda inizjattiva dwar il-ħarsien ta' l-annimali taċ-ċirku u ta' l-annimali fiż-żuwijiet;
  5. Jiddispjaċih ukoll li l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni ma fih l-ebda inizjattiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet ta' l-għixien ta' l-annimali li jinżammu għall-produzzjoni tal-fer fl-UE u lanqas rekwiżiti għall-prodotti tal-fer importati fl-UE;
  6. Huwa tal-fehma li r-regoli kollha ta' l-UE fil-qasam tal-ħarsien ta' l-annimali għandhom

ikunu regoli minimi li jippermettu lill-Istati Membri li jżommu jew jintroduċu regoli nazzjonali iktar stretti;

7. Jenfasizza li għandha ssir lista ta' azzjonijiet prijoritarji, segwita minn proposti leġiżlattivi, għal speċi ta' annimali u oqsma problematiċi differenti; lista bħal din għandha tinkludi l-baqar tal-ħalib, il-bhejjem ta' l-ifrat adulti, l-annimali ta' l-akwakultura, u l-ħnieżer u d-dundjani miżmuma għas-simna;
8. Huwa tal-fehma li l-politika agrikola komuni (CAP) għandha titfassal b'mod li tevita l-produzzjoni żejda tal-laħam u jqis li, kif jidher ċar minnu nnifsu, huwa importanti li l-annimali jkunu f'saħħithom biex il-produzzjoni tkun ta' kwalità għolja; jitlob għalhekk li d-direttivi rilevanti kollha dwar il-benesseri ta' l-annimali jiddaħħlu fil-miżuri ta' kundizzjonalità stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 dwar l-iskemi ta' għajjuna diretta taħt il-CAP; ifakkar li miżuri edukattivi dwar il-benesseri ta' l-annimali mmirati lejn il-konsumaturi u l-produtturi, mekkaniżmi tat-taxxa u miżuri msejsa fuq ir-riċerka huma kollha għodod importanti għat-titjib tal-benesseri ta' l-annimali;
9. Japprova l-ħsieb li jsir użu akbar mis-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita għall-vetturi fil-kuntest tal-ħarsien u l-monitoraġġ fi żmien reali ta' l-annimali waqt it-trasport; ifakkar, madanakollu, li meta adottaw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005, l-Istati Membri għażlu li ma jbidlux ir-rekwiżiti dwar il-ħinijiet tat-trasport u l-ispazju minkejja li dan kien ikollu effetti tajba ħafna fuq il-livell tal-ħarsien; għaldaqstant iqis li diversi inizjattivi prattiċi f'dawn l-oqsma għandhom jingħataw prijorità fil-pjan ta' azzjoni;
10. Jisħaq li fl-UE għandu jiddaħħal sa mhux aktar tard mill-2010 limitu ta' ħin massimu ta' tmien sigħat għat-trasport ta' annimali għall-qatla u ta' annimali biex ikomplu jissemmnu; jitlob ukoll li tiddaħħal projbizzjoni fuq it-trasport ta' għoġġiela ta' inqas minn 12-il ġimgħa;
11. Jinnota li, fil-prattika, ir-regoli ta' l-UE dwar it-trasport ta' l-annimali (Regolament (KE) Nru 1/2005 u d-Direttiva 95/29/KE) spiss jiġu injorati, partikularment fejn jidhru r-rekwiżiti għall-waqfiet ta' mistrieħ u l-forniment ta' l-ilma u ta' l-għalf ta' l-annimali; jitlob, għalhekk, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jieħdu azzjoni xierqa sabiex jiżguraw li l-Istati Membri jżidu l-għadd u l-effettività tal-kontrolli li jsiru fuq l-applikazzjoni tar-regoli ta' l-UE;
12. Huwa tal-fehma li l-objettiv għandu jkun li, sa mhux aktar tard mill-2016, it-trobbija kollha tat-tiġieġ tal-bajd għandha issir fil-beraħ;
13. Huwa tal-fehma li r-regoli dwar il-ħarsien tal-ħnieżer għandhom ikunu riveduti u li l-leġiżlazzjoni eżistenti li tipprojbixxi l-użu ta' ħbula jew ktajjen għall-irbit ta' ħnieżer nisa u qżieqeż nisa għandha tkun infurzata fl-Istati Membri kollha;
14. Huwa tal-fehma li għandha tiddaħħal projbizzjoni tat-tiswija tal-ħnieżer mingħajr loppju;
15. Huwa tal-fehma li l-ħnieżer nisa għandhom jitħallew jimirħu liberament matul iċ-ċiklu ta' ħajjithom;

16. Huwa tal-fehma li għandha tiddaħħal projbizzjoni effettiva tal-qtugħ tad-dnub;
17. Huwa tal-fehma li għandu jkun hemm aċċess ħieles għall-ġhalf oħxon;
18. Huwa tal-fehma li r-regoli dwar it-tiġieġ għall-produzzjoni tal-laħam għandhom ikunu riveduti u għandha tiddaħħal rata ta' densità tat-trobbija ta' mhux iktar minn 25 kg/m<sup>2</sup>;
19. Jagħti l-akbar importanza lir-restrizzjoni ta' prattiki tal-farm li huma partikularment ta' detriment għall-benesseri ta' l-annimali, bħal meta l-wiżż u l-papri jiġu mġiegħla jieklu b'rabta mal-produzzjoni tal-foie gras; jitlob li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet ta' l-1999 dwar il-ħarsien tal-papri u tal-wiżż adottati fil-qafas tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni ta' l-annimali miżmuma għal għanijiet tal-biedja;
20. Jilqa' l-projbizzjoni proposta fuq l-importazzjoni ta' fer tal-klieb u tal-qtates u jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi projbizzjoni totali fuq l-importazzjoni ta' "prodotti miksuba b'metodi krudili" minn pajjiżi terzi, bħall-fer minn annimali li jitqaxxru haġġin, il-fer minn farms fejn jitrabbew l-annimali li ma jkollhomx kontrolli veterinarji u prodotti farmaċewtiċi bbażati fuq speċi fil-periklu, u kulfejn l-istandards baxxi tal-produzzjoni huma theddida għall-ambjent u għall-bijodiversità;
21. Huwa tal-fehma li r-rifjut tal-Parlament, fit-13 ta' Diċembru 2005, tal-proposta tal-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni ta' standards għal metodi ta' nsib mhux krudili għal ċerti speċi ta' annimali (COM(2004)0532) (Rapport Scheele A6-3004/2005), mhux skuża biex wieħed idum sa l-2009 biex jippreżenta proposta ġdida; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta leġiżlattiva ġdida;
22. Jitlob lill-UE biex timpenja ruħha li tippromwovi fl-iskema tad-WTO r-rikonoxximent tal-klawsola dwar il-benesseri ta' l-annimali bħala klawsola li ma tikkonċernax il-kummerċ (non-trade concern);
23. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-kummerċ ta' annimali eżotiċi jhedded kemm il-bijodiversità kif ukoll il-benesseri ta' l-annimali, jemmen li l-implikazzjonijiet li jikkonċernaw il-bijodiversità għandhom jitqiesu meta titfassal politika dwar il-benesseri ta' l-annimali għall-problemi transkonfinali msemmija fil-Komunikazzjoni;
24. Jenfasizza li l-kummerċ ta' tajr selvaġġ spiss jitwettaq f'kundizzjonijiet inaċċettabbli li jwasslu għall-mewt ta' eluf ta' għasafar; huwa tal-fehma li dan huwa ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u għad-diversità bijoloġika, u li l-projbizzjoni temporanja ta' l-importazzjoni ta' tajr selvaġġ fl-Unjoni Ewropea għandha għalhekk ssir permanenti;
25. Huwa tal-fehma li l-kampanji ta' tagħrif ta' l-UE għandhom jindirizzaw speċifikament lil dawk kollha involuti, mill-produtturi sal-konsumaturi, permezz ta' strateġija ta' komunikazzjoni mfassla għall-ħtiġijiet ta' kull grupp li għandu interess;
26. Huwa tal-fehma li hemm bżonn ta' Strateġija Ewropea sabiex kwistjonijiet marbuta mal-benesseri ta' l-annimali jkun kkomunikati lill-konsumaturi kemm fl-UE kif ukoll f'pajjiżi terzi, sabiex jiġu spjegati d-differenzi li jeżistu fil-produzzjoni ta' l-annimali kif ukoll l-

ispejjeż u l-benefiċċji ta' standards għolja ta' benesseri ta' l-annimali; jiġbed l-attenzjoni għall-possibbiltà li Strateġija bħal din tiġi implimentata taħt il-patroċinju taċ-Ċentru jew Laboratorju Ewropew propost mill-Kummissjoni;

27. Jitlob biex organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti, kemm fl-UE kif ukoll madwar id-dinja, ikunu inklużi fl-attivitajiet konsultattivi u ta' preparazzjoni leġiżlattiva, u għall-ftuħ ta' programmi ta' taħriġ għal dawn l-organizzazzjonijiet;
28. Huwa tal-fehma li l-Azzjoni 5 tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni, li tipprevedi inizjattivi sabiex jtkabbar l-għarfien u l-edukazzjoni dwar il-benesseri ta' l-annimali, rigward pereżempju ż-żamma ta' l-annimali u t-trasport u l-qatla ta' l-annimali, għandha tkun immirata lejn il-produtturi fiż-Xlokk ta' l-Asja kif ukoll lejn il-produtturi fil-pajjiżi tal-MEDA;
29. Jaf bid-diffikultajiet li x'aktarx se jsibu quddiemhom il-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jagħtu spinta lill-produzzjoni li tirrispetta l-benesseri ta' l-annimali, u jistieden lill-Komunità biex tappoġġja inizjattivi bħal dawn permezz ta' taħriġ, riċerka u għajnuna finanzjarja, kif xieraq;
30. Jinnota li ħafna politiki ta' l-UE għandhom implikazzjonijiet fuq il-benesseri ta' l-annimali li m'humiex koperti mill-Pjan ta' Azzjoni, bħall-iżvilupp sostenibbli, il-Konvenzjoni CITES u l-istandards tal-kummerċ u tal-kummerċjalizzazzjoni, u jenfasizza l-importanza li tingħata l-ikbar attenzjoni għall-kwistjonijiet relatati mal-benesseri ta' l-annimali fl-oqsma tal-politika rilevanti kollha;
31. Huwa tal-fehma li meta jiġu indirizzati l-problemi transkonfinali fil-qasam tal-benesseri ta' l-annimali, għandha titqies il-konservazzjoni tal-ħajja selvaġġa;
32. Jilqa' l-applikazzjoni tal-prinċipju tat-3 'Rs' - tnaqqis, bdil u raffinament - fil-kuntest ta' l-esperimenti fuq l-annimali; huwa tal-fehma li l-esperimenti fuq l-annimali għandhom jiġfallew isiru biss fejn ma jkunx hemm alternattivi; huwa tal-fehma li l-appoġġ għall-prinċipju tat-3 'Rs' u l-appoġġ għal xejriet futuri fir-riċerka dwar il-benesseri ta' l-annimali huma żewġ kwistjonijiet separati u li l-Objettiv 4 għandu jinqasam fi tnejn sabiex jirrifletti dan; jisħaq fuq il-ħtieġa li jkun hemm regoli biex jiggarantixxu li l-pubbliku jkollu għarfien sħiħ dwar liema esperimenti fuq l-annimali jkunu qed isiru;
33. Jistieden lill-Kummissjoni biex issaħħaħ l-infurzar tad-Direttiva 86/609/KEE dwar it-testijiet fuq l-annimali billi titlob li l-Artikolu 7(2) tagħha jiġi applikat fis-sħiħ u li l-prinċipju tat-3 'Rs' (bdil, tnaqqis u raffinament) japplika kulfejn ikun possibbli; jemmen li leġiżlazzjoni ġdida u eżistenti li tirrikjedi testijiet fuq l-annimali għandha tkun suġġetta għal evalwazzjoni xjentifika bl-akbar reqqa minn esperti indipendenti sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti li jirrikjedu dejta bbażata fuq l-annimali jitnaqqsu kemm jista' jkun;
34. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kontributi ta' l-industrija għall-bdil tat-testijiet fuq l-annimali b'oħrajn, li dwarhom intlaħaq qbil fuq il-bażi tal-prinċipju tat-3 'Rs', ikunu sostenibbli u mogħtija fiż-żmien xieraq; ir-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet għall-benesseri ta' l-annimali jrid ikollhom ukoll id-dritt li jirrevedu l-pjan ta' azzjoni tas-sħubija;

35. Huwa tal-fehma li l-ambitu tad-Direttiva 86/609/KEE ('id-direttiva dwar l-esperimenti fuq l-annimali') għandu jitwessa' biex jinkludi l-ħarsien ta' l-annimali użati f'riċerka bażika u applikata, ċerti speċi ta' invertebrati, l-użu ta' l-annimali fl-edukazzjoni xjentifika, u l-feti tal-mammali minn nofs it-tqala;
36. Huwa tal-fehma li l-iżvilupp, il-validazzjoni u l-aċċettazzjoni ta' metodi li ma jinvolvu annimali għandhom jitħaffu, u li għandhom jiġu pprovduti aktar fondi, nies u għajnunha amministrattiva f'kull stadju sabiex jiġi żgurat il-bdil mill-aktar fis possibbli ta' l-esperimentazzjoni fuq l-annimali b'esperimentazzjoni ta' xorta oħra;
37. Jistieden lill-korpi regolatorji ta' l-UE biex jaċċettaw mingħajr dewmien it-testijiet li ma sarux fuq l-annimali u li diġà ġew ivalidati mill-ECVAM (iċ-Ċentru Ewropew għall-Validazzjoni ta' Metodi Alternattivi);
38. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel mezz sabiex il-leġiżlazzjoni eżistenti kollha li tirrikjedi l-użu tat-testijiet fuq l-annimali tiġi riveduta mill-ECVAM jew minn esperti indipendenti oħra bil-għan li jiġu identifikati modi kif titqassam id-dejta, jiġi evitat ix-xogħol doppju u titnaqqas il-ħtieġa għall-esperimentazzjoni;
39. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb id-dispożizzjonijiet dwar it-tqassim tad-dejta mit-testijiet fuq l-annimali vertebrati u biex tkun evitata r-ripetizzjoni ta' testijiet li diġà saru, u biex tapplikahom fl-oqsma kollha ta' l-esperimentazzjoni fuq l-annimali, u fil-leġiżlazzjoni kollha li tirrikjedi t-testijiet fuq l-annimali, inkluż il-qsim ta' dejta minn studji mhux imxandra u studji negattivi;
40. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-kontributi ta' l-industrija għall-bdil tat-testijiet fuq l-annimali b'oħrajn, kif miftiehem permezz tas-Sħubija Ewropea dwar Metodi Alternattivi (EPAA), ikunu effettivi, miftuħa għall-iskrutinju u mogħtija fil-ħin kemm mill-industrija kif ukoll mill-ECVAM;
41. Jirrikonoxxi li x-xjenza ta' kwalità ħażina mhix etika u hija wkoll ħela ta' riżorsi, u li l-UE għandha tirrikjedi li kull test ġdid, rivedut u eżistenti għas-sikurezza umana/ambjentali għandu jkun validat għal kollox skond standards moderni qabel ma testijiet bħal dawn ikunu mitluba, irrakkomandati jew approvati skond il-leġiżlazzjoni ta' l-UE jew skond l-Istrateġija Komunitarji;
42. Huwa tal-fehma li għandu jingħata d-dritt għall-użu ta' ttikkettar nazzjonali;
43. Huwa tal-fehma li għandha tiddaħħal skema fuq bażi volontarja għall-ittikkettar tal-prodotti magħmula b'livell ta' benesseri ta' l-annimali ogħla minn dak skond ir-regoli minimi;
44. Huwa tal-fehma li r-regoli dwar l-għalf ta' l-għoġġiela għandhom isiru aktar stretti biex jirrikjedu li l-għalf ikun fih ħafna fibra u jqis, għalhekk, li għandu jkun hemm aċċess ħieles għall-għalf oħxon;
45. Jenfasizza l-ħtieġa li ssir reviżjoni ta' nofs iż-żmien tal-Pjan ta' Azzjoni sa tmiem l-2008 u

li ssir evalwazzjoni ta' kemm kellha suċċess il-Komunità fit-twettiq ta' l-obbligi tagħha;

46. Huwa tal-fehma li l-Pjan ta' Azzjoni huwa l-ewwel pass fi proċess kontinwu ta' evalwazzjoni, ta' ppjanar u ta' implimentazzjoni ta' miżuri biex jittejjeb il-benesseri ta' l-annimali; għalhekk jitlob lill-Kummissjoni biex tirrevedi regolarment il-progress miksub fir-rigward tal-miri stipulati fil-Pjan ta' Azzjoni u biex sa l-2011 tressaq Pjan ta' Azzjoni ġdid, imsejjes fuq dak il-proċess ta' reviżjoni.